MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2015

Numru 300/2015

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 30 TA’ MARZU 2015.**

**Pulizija**

**Spettur Mario Haber**

**Vs**

**Suolemana Tchedre**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Soulemana Tchedre ta’ 28 sena, bin Aruna u Alhassani Zoureha, mwieled f’ Agome fit-13 ta’ Lulju 1986, residenti l-Italja u minghajr dokumenti;

Talli;

1) Fil-15 ta’ Marzu 2015 u filjiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’Dokumenti tal-Ivjaggar u Karta tal-Identita’ jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi document tal-ivjaggar u Karta tal-Identita’ li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdila fihom f’ismu stess bin-numri 846488 u AR 6836012 rispettivament;
2) Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjono ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;
3) Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikolu 189 tal-Kap 9, u l-Artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) gimghat prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------